newsbook.com.mt

MADWAR IL-ĦAJJA

# Il-faqar fost iż-żgħażagħ ta' Don Bosco

*Lara Michelle Camilleri - 06/03/17 06:24 PM*






Iż-żgħażagħ ta' Don Bosco ngħatatilhom l-opportunità li jiddiskutu t-tema tal-faqar fost iż-żgħażagħ u jressqu l-proposti tagħhom quddiem l-awtoritajiet governattivi u dawk tal-Unjoni Ewropea.

Dan hekk kif 48 eksstudent tas-Sależjani minn Malta, Milan, Sqallija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Kroazja ltaqgħu f'Malta għal erbat ijiem ta' laqgħat, konsultazzjoni u konferenza fuq l-inklużjoni taż-żgħażagħ.

Matul dawn l-erbat ijiem, il-parteċipanti ltaqgħu ma' żgħażagħ oħra fit-toroq, fi skejjel kif ukoll fil-programm Youth.inc tal-Aġenzija Żgħażagħ filwaqt li matul il-konferenza, il-parteċipanti daħlu fi djalogu ma' politiċi, mexxejja ta' aġenziji governattivi u membri parlamentari.

Barra minn hekk, fiż-żmien li ġej, iż-żgħażagħ se jwettqu wkoll xi proġetti f'pajjiżhom li huma mmirati lejn żgħażagħ fil-bżonn.

Dan il-proġett ġie organizzat mill-Federazzjoni Nazzjonali tal-*Past Pupils* u l-Ħbieb ta' Don Bosco f'Malta permezz tal-programm ta' fondi tal-UE Erasmus+.

Share on Facebook Share on Twitter

0 Comments Newsbook 1 Login

Recommend Share Sort by Best

Start the discussion…

Be the first to comment.

Subscribe Add Disqus to your site Add Disqus Add Privacy